# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn, 28 ta' Diċembru, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1726/20TA**

**Malik Mohamedreda B Hanka ID 147373A**

**vs**

**Administration Investment Management Services Ltd C19809**
**u IAS Limited C12202**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Malik Mohamedreda B Hanka ID. 147373A tad-9 ta' Diċembru 2020;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Diċembru 2020;

Rat ir-risposta tal-intimati Soċjetajiet tal-21 ta' Diċembru 2020;

Rat l-atti u dokumenti kollha ta' dawn il-proċeduri;

Rat li permezz ta' verbal magħmul fl-udjenza fejn il-partijiet qablu li l-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri jiġi milqugħ fir-rigward tas-Soċjeta' Administration Investment Management Services Limited (C 19809) biss u limitatament għas-segwenti żewġ propjetajiet u cioe'

i. 18, Bellavista Court B, Bellavista Street , San Ġwann u

ii. 57 u 59 , El Dorado Street, Hamrun.

Rat ukoll in-noti ta' insinwa ai fini ta' dawn il-proċeduri presentati seduta stante bid-deskrizzjoni u rjiħat skont il-liġi ta' dawn iż-żewġ propjetajiet (a' fol 34 u 35).

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti, fil-waqt li qed tvarja d-digriet tagħha tad-9 ta' Diċembru 2020, billi tirrevokah inkwantu jirreferi u jirrigwarda s-soċjeta IAS Limited (C 12202) u inkwantu jirrigwarda kull propjeta' oħra tas-Soċjetajiet intimati salv għall-propjetajiet fuq imsemmija u tikkonfermah fil-konfront tas-Soċjeta' Administration Investment Management Services Limited (C 19809 ) u tilqa' għalhekk definittivament it-talbiet tar-rikorrent fir-rigward tal-imsemmija Soċjeta' Administration Investment Management Services Limited (C 19809) u limitatament għas-segwenti propjetajiet: 18, Bellavista Court B, Bellavista Street, San Ġwann u 57 u 59, El Dorado Street, Hamrun, kif aħjar deskritti fin-noti ta' insinwi fuq imsemmija.

Il-Qorti qed tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lill-Awtoritijiet kompetenti u cioe', lir-Reġistratur tal-Artijiet u Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmlu dak li titlob minnhom il-liġi.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tas-Soċjeta' intimata Administration Investment Management Services Limited.

**Mogħti kameralment illum 28 ta' Diċembru, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**